**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 40 IT-TNEJN 9 TA' MARZU 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Robert Reno Cremona, Jerome Caruana Cilia, Jason Busuttil (attenda fis-7.30pm), Antoine Saliba Haig u Sean Meli flimkien mal-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

Is-S.E. informa li l-Kunsilliera Margaret Mercieca infurmatu bil-miktub li ma setgħetx tattendi għas-seduta peress li kellha impenji oħrajn.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u għalhekk il-Kunsilliera Margaret Mercieca ġiet meqjusa bħala skużata għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill. Is-Sindku Rosianne Cutajar tat tislima lit-tlett kunsilliera (Charles Farrugia, Jason Busuttil, Margaret Mercieca) li mhux se jikkontestaw l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali peress li din hija l-aħħar seduta qabel l-elezzjoni li se tinżamm fil-11 ta' April 2015.

**40/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 39**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 39 li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Frar 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota

kontra u  ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 39 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**40/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**40/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett ta' tisbiħ tal-ġnien fi Triq Alexandra li issemma għal Ġorġ Hyzler, wasal biex ikun lest u fil-fatt infurmat lill-Kunsilliera li il-proġett se jiġi inawgurat nhar is-Sibt 28 ta' Marzu fis-6.00pm. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li għal din iċ-ċerimonja se jkunu mistiedna il-familjari ta' Ġorġ Hyzler li għalih qed jissemma dan il-ġnien. **Il-Kunsillier Ralph Puli** issuġġerixxa li l-Pjazza fejn hemm dan il-ġnien jissemma wkoll għal Ġorġ Hyzler, iżda is-Segretarju Eżekuttiv spjega li li l-Pjazza diġa għandha isem u ġeneralment tismija ta' toroq jingħataw lil dawk it-toroq li ma jkollhomx isem.

**40/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** informat lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi kien l-uniku Kunsill li kellu żewġ proġetti magħżula biex jingħata fondi taħt l-iskema ta' fondi għall-proġetti kapitali. Il-proġetti magħżula huma it-twaħħil ta' Belisha Beacons (€20,000) u l-introduzzjoni ta' Eco-bikes (€27,000). Il-Kunsill se jkun qed jistenna mill-Ministeru biex jiġu ffirmati l-kuntratti.

**40/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol ta' bdil ta' bankini u asfaltar ta' Triq l-Għana, Triq Lydda u Triq il-Ġnien (parti) beda filwaqt li beda wkoll xoghol ta' bdil ta' bankini f'partijiet minn Triq il-Belt Valletta u Triq l-Isqof Scicluna. Fil-jiem li ġejjin għandu jingħata wiċċ ġdid bil-konkos fi Triq il-Ħabbież.

**40/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fil-31 ta' Marzu 2015 fil-10.30am se ssir l-inawgurazzjoni tal-monument tal-Isports fil-Qormi Fitness and Sports Park.

**40/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fit-18 ta' Marzu 2015 fis-6.30pm se ssir l-inawgurazzjoni tal-monument f'ġieħ il-vittmi tal-logħob tan-nar f'Ħal Qormi. Għal din l-inawgurazzjoni se jiġu mistiedna il-familjari ta' dawn il-vittmi.

**40/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet fuq il-mejda ir-rapport li kien sar minn perit tal-Gvern dwar il-kundizzjoni u r-riskji li għandha Triq Ġorġ Mifsud Chircop, liema rapport hija kienet semmiet fis-seduta preċedenti. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** stqarr li huwa xi ftit iddiżżapuntat li dan ir-rapport mhuwiex iddettaljat u sostna li l-Kunsill għandu jieħu miżuri biex ikun hemm aktar sigurta'. **Is-Sindku**

**Rosianne Cutajar** sostniet li dan ir-rapport ġie mgħoddi lill-awtoritajiet fosthom il-MEPA u l-Pulizija sabiex tittieħed azzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex isiru barrikati tal-konkos fil-partijiet li hemm plots miftuħa u jinsabu ta' periklu sakemm tittieħed azzjoni mill-awtoritajiet.

**40/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li wara insistenza min-naħa tagħha, il-MEPA ħadet azzjoni kontra l-iscrapyards illegali li ilhom joperaw għad-detriment tar-residenti għall-bosta ta' għexieren ta' snin.

**40/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat ukoll lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa mal-Head Office tal-HSBC dwar il-problema tal-parkeġġ. Is-Sindku Rosianne Cutajar spjegat li l-HSBC urewna li huma qed joffru ammont kbir ta' parkeġġ u li huma disposti jikkollaboraw f'każ li ssir xi tip ta' park and ride. Is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat lill-HSBC li peress li r-residenti tal-akkwata qegħdin isofru minn dan in-nuqqas ta' parkeġġ, il-Kunsill se jkun qed jissottometti talba għall-parkeġġ ristrett bil-ħin kif hemm f'lokalitajiet oħrajn ladarba Transport Malta terġa tiftaħ l-iskema.

**40/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat ukoll lill-Kunsill li l-Bord tal-Appelli tal-MEPA waqqa' l-appell tar-razzett tal-fniek f'tal-Ħandaq u għaldaqstant ir-residenti għandhom iserrħu rashom li dan ir-razzet tal-fniek mhux se jsir sakemm l-applikant ma jerġax japplika mill-ġdid.

**40/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** tat permess **lill-Kunsillier Ralph Puli** sabiex jikkomunika mal-Kunsill, dwar talba sabiex isiru l-bankini fi Triq Correa (ħdejn il-banka tal-lottu). **Is-Sindku Rosianne Cutajar** wieġbet li din il-bankina tinsab diġa fil-pjanijiet li ssir.

## 40/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' FRAR 2015

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Frar 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Frar 2015
**b)** *Bank Payments* Frar 2015.
**c)** *Petty Cash* Frar 2015.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

**Ivvutaw Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

## 40/04 MOZZJONIJIET

### 40/04/01 MOZZJONI 125/2015

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 125/2015:

*Peress li l-istatwa ta' San Bastjan li tinsab fi Triq San Bastjan(kantuniera ma' Triq San Bartolomew) ghandha bzonn li jerga' jsirilha manutenzjoni*

*Peress li fix-xhur li gejjin se jigi mfakkar l-anniversarju tal-istatwa ta' San Bastjan*

*Nipproponi biex il-Kunsill jaghmel dan ix-xoghol u japprova l-kwotazzjoni annessa bil-prezz ta' Eur 1100.*

.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 125-2015(VI). Il-Kunsill qabel ukoll li mal-manutenzjoni tal-istatwa tinbidel ukoll l-art tal-madwar u z-zokklatura.

## 40/05 RAPPORTI

### 40/05/01 Petizzjoni dwar PC01/2015

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ippreżenta petizzjoni li huwa ġabar mingħand ir-residenti ta' Triq is-Sajf, Triq id-Deheb Fin u l-akkwati, kontra l-proposta ta' razzjonalizazzjoni taż-żona għall-iżvilupp fi Triq id-Deheb Fin. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi sostna li din l-applikazzjoni jkun ifisser li se tiġi mnaqqra iż-żona rurali biex isir aktar bini residenzjali meta fil-lokalita' hawn ħafna bini vojt u bil-kontra hawn ħafna nuqqas ta' żona rurali u miftuħa b'arja nadifa. **Il-Kunsillier**

**Jerome Caruana Cilia** xtaq jirreġistra li huwa kontra dan l-iżvilupp. Il-Kunsill qabel unanimament li jopponi ghal din l-applikazzjoni għal diversi raġunijiet, fosthom li se titnaqqas iż-żona rurali biex isir bini, iż-żona tinsab f'distanza ta' anqas minn dak rekwiżit li żona residenzjonali tkun bogħod minn rziezet li jinsabu fil-viċinanzi, dan l-bini jkompli jikkomprometti il-problema tal-għargħar fl-akkwata.

**40/06 KORRISPONDENZA**

**40/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'B 1-4'**

1. Korrispondenza mill-Ghaqda Teatrali Anici fejn talbu biex produzzjoni teatrali skont il-kuntratt, issir barra mill-lokalita'. Il-Kunsill ma qabilx li produzzjonijiet teatrali isiru barra mill-lokalita' sakemm dan ma jsirx f'wieħed mit-teatri ta' livell nazzjonali bħalma huma l-Istitut Kattoliku jew s-Sala Sir Temi Zammit fl-Universita' ta' Malta.

2. Korrispondenza mingħand l-Kummizzjoni Zgħazagħ Bastjanizi biex tingħalaq Triq il-Vitorja sabiex issir il-mixeghla f'Ħamis ix-Xirka. Il-Kunsill qabel iżda għandhom jaraw li t-triq tkun magħluqa fl-inqas ħin possibli.

**40/07 INFORMAZZJONI**

**40/07/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** spjega li s-sejħa tal-offerti għall-manutenzjoni tal-latrini se tagħlaq fis-27 ta' Marzu u għaldaqstant mhux se jkun hemm żmien biżżejjed biex il-Bord tal-Aġġudikazzjoni jiltaqa' sabiex jaġġudika bil-konsegwenza li se jkun Kunsill ġdid li għandu jaħtar il-Bord u jaġġudika. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda biex il-kuntratti eżistenti jiġu mġedda sal-aħħar ta' Mejju 2015.

**40/07/02** **Il-Kunsillier Jason Busuttil** xtaq jagħmel diskors ta' ringrazzjament peress li huwa mhux se jkun qed jerġa jikkontesta l-elezzjonijiet lokali. Huwa semma li fl-10 snin li għamel Kunsillier huwa ra lill-Kunsilll jinbidel dejjem għall-ahjar. Il-Kunsillier Busuttil qal li kien pjaċir tiegħu jaħdem maż-żewġ Sindki, jiġifieri Jesmond Aquilina u Rosianne Cutajar. Huwa stqarr li jibqa' jiftakar il-mument meta għaqqad lill-baned u sar kunċert bejn it-tlett baned. Ħa pjaċir jaħdem maż-żgħażagħ fejn f'Ħal Qormi għandna il-fortuna li ż-żgħażagħ huma attivi ħafna u jorganizzaw numru kbir ta' attivitajiet li tista' tgħid huma kollha ta' livell nazzjonali. Il-Kunsillier Busuttil awgura lill-kunsillier li se jerġgħu jikkontestaw u stqarr li huwa mhux se jerġa jikkontesta għaliex huwa mgħobbi b'ħafna xogħol u għaldaqstant ma jkunx jista jlaħħaq max-xogħol tal-Kunsill ukoll. Il-Kunsillier Busuttil għamel ringrazzjament speċjali lill-istaff u liż-żewġ Segretarji Eżekuttivi li ħadem magħhom, John Farrugia u Kenneth

Brincat, tal-professjonalita' tagħhom. L-aħħar u mhux l-inqas irringrazzja lill-poplu li tawh fiduċja. Il-Kunsillier Busuttil għalaq billi offra li jagħti xorta s-servizzi tiegħu lilll-Kunsill kull meta jkollu bżonn.

**40/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar il-Ħamis 16 ta' April 2015 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:05 ta' filgħaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2015.